MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 608/1995/1

**Vincent Chetcuti u b'digriet tal-25 ta' Novembru 1998**

**saret it-trasfuzjoni tal-atti fuq Jane Agius**

**v.**

**Direttur Generali tal-Habs u Ministru tal-Intern u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 1995 il-kelma "Generali" giet imhassra**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fit-12 ta' Mejju, 1995, u li taqra hekk:

"Peress illi l-attur huwa l-missier u l-uniku eredi ta' certu Carlos Chetcuti li miet f'cirkostanzi misterjuzi waqt li kien incarcerat il-Habs, Kordin;

"Peress illi in effetti mir-rizultat ta' l-inkjesta rrizulta manifestament illi kien hemm negligenza fil-kura medika illi nghatat lill-mejjet Carlos Chetcuti. In effetti rrizulta li l-methadone kien qed jinghata lill-mejjet Carlos Chetcuti bla kontroll ta' xejn u kwindi b'mod negligenti;

"Peress illi minhabba fil-premess qed jigi sostnut li l-mewt ta' Carlos Chetcuti ta' 25 sena kienet rizultat ta' negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti u a kawza ta' liema mod l-attur sofra danni konsiderevoli;

"Jghidu l-konvenuti jew minn minnhom ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

"1. Tiddikjara illi l-mewt ta' Carlos Chetcuti kienet rizultat ta' negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

"2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas lill-attur is-somma likwidata;

"Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi ma tezista ebda kariga fis-servizz pubbliku bit-titolu ta' "Direttur Generali tal-Habs";

"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet ta' l-attur stante li ma hemm xejn allegat fil-premessi tac-citazzjoni li jgib bhala konsegwenza r-responsabilita diretta taghhom ghall-mewt in kwistjoni jew li jimputa xi ness ta' kawzalita diretta bejn xi agir taghhom u l-istess mewt;

"3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-Ministru ta' l-Intern m'huwiex inkarigat mit-tmexxija ta' kuljum tal-habs u, ghalhekk ukoll, m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet ta' l-attur mill-osservanza ta' liema ghandu jigi liberat;

"4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi huma ma kienux responsabbli ghall-mewt imsemmija fic-citazzjoni u ma jirrispondux ghad-danni;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

"... ... ... ssib lill-konvenuti responsabbli ghall-event tad-decess tad-detenut Carlos Chetcuti, tillikwida d-danni rizarcitorji fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf erba' mija u sebgha u disghin euro u hamsin centezmu (€53,497.50), u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata in linea ta' danni, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez gudizzjarji kollha jitbatew mill-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Minn kif inhi fformulata c-citazzjoni mill-attur jidher li l-fatt generatur ta' l-azzjoni hu, f'dan il-kaz, ippuntellat fuq il-kwazi-delitt in vista tar-rikorrenza ghan-negligenza, l-imperizja u n-non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom. Ghall-precizazzjoni, il-fatt lamentat, produttiv ta' l-obbligazzjoni, hu maghmul jikkonsisti minn mankanza ta' kura medika lill-prigunier Carlos Chetcuti filwaqt li dan kien inkarcerat fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Kif inhu ben not, azzjonijiet ta' din ix-xorta tendenti ghar-rizarciment tad-danni jippartecipaw, di regola, minn zewg stadji – *an et quantum* – ossija, id-dikjarazzjoni ta' responsabilita`, u, f'kaz ta' affermazzjoni ta' dik ir-responsabilita`, l-accertament ta' l-ezistenza u tal-mizura tad-danni. Ara "**Antonio Borg *nomine et* -vs- Guido Abela *et***", Appell Kummercjali, 14 ta' Mejju, 1954;

> "Fuq it-tema tar-responsabilita` l-perit gudizzjarju nominata mill-Qorti kkonkludiet ir-relazzjoni taghha billi sabet lill-konvenuti fi htija ghall-okkorrenza tal-mewt ta' l-imsemmi prigunier li sehhet fit-22 ta' Frar, 1995, u li, konsegwentement, ghandhom iwiegbu ghad-danni. Dan wara li ppremettiet kif gej:-

> "1. Fuq l-iskorta tal-provi, sew testimonjali, sew dokumentali (ara rapport tal-membri medici, dak tal-Bord ta' Inkjesta u l-atti tal-Process Verbal), il-prigunier Carlos Chetcuti, li kellu passat ta' dipendenza fuq il-pjanta Cannabis u drogi ohra, kien qieghed jircievi trattament ta' methadone gewwa l-Habs. F'dak iz-zmien hu kien taht il-kura ta' Dr. Susan Galea, assistent tal-psikjatra tal-Habs Dr. John Mifsud. Ta' min jirrileva illi skond dan ta' l-ahhar, Dr. Galea ma kellhiex training fil-psikjatrija u hu kien taha struzzjonijiet biex ma tidholx fi kwestjonijiet ta' general medicine u lanqas twiegeb telefonati d-dar. Dejjem skond l-istess Dr. Mifsud, id-direttivi tieghu spiss ma nzammewx. Ara l-atti tal-Bord ta' Inkjesta, pagna 415;

> "2. Gie, difatti, stabbilit illi l-prigunier kien jiehu numru ta' farmaci u medicinali bil-ghan ta' terapija kif dawn kienu hekk lilu preskritti. Oltre l-methadone, jissemmew, fost ohrajn, minn xi rapporti d-diazepam, il-chloropromazene u t-thioridozine (Dok SD1). Hu eskluz, pero`, li matul id-durata tieghu fil-Habs, il-prigunier Chetcuti kkonsma sustanzi abuzivi;

"3. Jirizulta bhala fatt illi t-Tabiba Galea ppreskrivietlu zewg korsijiet ta' methadone, u, cjoe, f'Dicembru 1994 u Frar 1995. Proprju, jum qabel id-decess tieghu nghata doze ta' 40cc methadone minflok dik ta' 20cc, precedentement moghtija lilu. Dan, kontemporanjament ma' dawk il-farmaci l-ohra aktar 'il fuq accennati;

"4. Hi espressjoni generali tad-diversi xhieda illi l-kura offerta lid-detenuti tossiko-dipendenti kienet wahda fuq bazi sporadika u minghajr linji gwida rigidi. Hekk ad ezempju gie sostnut minn Dr George Grech (Clinical Director for Treatment for Rehabilitation Services fl-agenzija SEDQA) illi "d-dispensing tal-Methadone jirrikjedi struttura li wiehed jassigura illi l-pazjent, aktar u aktar jekk ikun prigunier, ikun fil-fatt hadha meta tkun giet moghtija lilu biex jigi assigurat li wiehed ma jiehux doza aktar milli suppost ghax jista' jkollha effetti gravi. Dawn l-istrutturi fil-habs ma kienux jezistu fis-sens anke illi nurses kwalifikati dak iz-zmien zgur ma kienx hemm" (ara l-atti tal-Bord ta' Inkjesta, pagna 441);

"5. Jissokta jigi nkalzat illi *records* ezatti tat-trattament moghti jew ta' medicinali allokati ma kienx hemm fil-Habs, u lanqas sorveljar u moniteragg kostanti. Jinghad bi qbil mill-Gwardjan George Farrugia illi "ma kienx hemm kontroll jew sistema ta' kontroll fuq l-output, jigifieri kemm jiehdu minn dan il-flixkun (ta' methadone) u allura xi ftit lok ta' abbuz jista' jkun hemm" (pagna 451 mill-atti tal-Bord ta' Inkjesta). Ukoll, mill-istess atti jinghad minn Nurse Joseph Caruana, addett mad-Detox, illi hu kien allarma ruhu ghaliex fiz-zmien l-incident il-Habs kien qed jordna hafna Methadone, u dan minghajr ricetta u skond procedura ta' riforniment pjuttost laxka (pagna 467);

"6. Hu mbaghad agguntivament ikkonfermat minn Dr. Andrew Amato Gauci, rapprezentanti tas-CGMO illi ma kienx hemm *nurses* fil-Habs u dan ghas-Sanita` kien preokkupanti u ma kienux "*happy with that situation*" (pagna 261). Huwa jghid dan ghaliex fil-prattika x-xoghol ta' infermiera fil-Habs kien isir mill-Gwardjani u mhux minn *nurses* kwalifikati, kif kellu jkun. Huwa tassew sorprendenti illi sakemm issuccieda l-incident la Dr. Mifsud u lanqas Dr. Galea ma kienu ghal korrenti tal-fatt illi fl-infermerija tal-habs ma kienx hemm *nurses* kwalifikati;

"7. Sinjifikanti bosta s-senjalazzjonijiet li jaghmlu b'rikapitulazzjoni t-tliet esperti medici Dr. Joseph Louis Grech, Dr. Michael David Osselton u Dr. Anthony Abela Medici fir-rapport taghhom (Dok. VG1) rigwardanti l-procedura adoperata fl-epoka tad-decess ta' Carlos Chetcuti, jigifieri illi:

"*i.* "*The procedures employed in the management of drug prescribing and of patients receiving methadone maintenance treatment were poor and ill defined;*

"*ii. The procedures adopted by Dr. Susan Galea appear to have been those which had been followed in the past;*

"*iii. Prescription records lacked the signature of the prescribing doctor;*

"*iv. Prescription records do not appear to have been properly maintained;*

"*v. Dr. Galea had not received proper training in the effects, use and prescription of methadone before she was assigned these duties;*

"*vi. The apparent 'over prescription' of methadone appears to have been due to bad communication between Dr. Galea and the Prison Staff;*

"*vii. The prescription of methadone by Dr. Galea was partly influenced by urine tests which appear to have been unreliable and Dr. Galea was not aware of the significance of these tests;*

"*viii. The limitations associated with the use of the On Track prescriptive tests do not appear to have been appreciated by those using them and relying on the tests;*

"*ix. No use or reliance was made of the confirmatory analysis undertaken by the hospital and the resources for this need to be established*";

"8 Minn certu ottika dan jattalja ma' l-esposizzjoni ta' fehma ta' Dr. Joseph Saliba, Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli fejn, *inter alia,* jesprimi illi "jekk il-methadone jintuza kif suppost jigifieri taht il-kontrolli debiti m'ghandux ikollu komplikazzjonijiet jew risk factor akbar minn dak li wiehed jistenna minn drogi simili ... Jien inqis illi huwa imprudenti illi wiehed jasal biex jistabilixxi x'doza ta' Metahdone ghandu jamministra minghajr ma jkun hemm approach kliniku ghaliex hemm diversi cirkostanzi fejn wiehed jista' jew iqarraq jew jizbalja biex jikkonvinci lil min jippreskrivi x'doza ghandu jiehu". Izid jaggungi illi "t-tabib li jkun qieghed jinvestiga jekk ghandux jew le jippreskrivi l-Methadone, ghandu jiehu anke in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-pazjent ikun qieghed jiehu drogi ohrajn li jistghu jippotenzjaw l-Methadone u l-effetti tieghu

bhala parti mill-assessment generali ta' x'kura ghandu jaghti" (pagna 477 – 478 ta' l-atti tal-Bord ta' Inkjesta);

"9. Ir-rizultat ahhari li jinzel minn dan il-kwadru qasir tal-provi l-aktar sinjifikattiv hu dak li, skond kif verifikat, Carlos Chetcuti miet minhabba "*pulmonary oedema*" kompatibbli ma' "*fatal methadone poisoning*". Ara l-Process Verbal ta' l-Inkjesta Magisterjali;

"Fuq il-versanti ta' l-aspetti ta' dritt b'konnessjoni mat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti, il-perit gudizzjarju ddeterminat illi skond il-ligi vigenti (l-Att IX ta' l-1976 dwar il-Habs) u r-Regolamenti ta' l-1931 dwar il-Habs ta' Kordin iz-zewg konvenuti kienu ko-responsabbli ghall-gestjoni adegwata gewwa l-Habs. Jinsab sottomess f'para. 373 tar-relazzjoni illi "d-Direttur hu dak l-ufficjal pubbliku mahtur u appuntat bhala l-mandatarju *sui generis* tal-Ministru u ghandu jigi kkunsidrat bhala l-*lunga manus* u agent ta' l-istess ghal dik li hi gestjoni amministrattiva materjali ta' l-istituzzjoni penitenzjarja, izda tali mandat jew agenzija *in se* ma jnezzghax lill-istess Ministru mir-responsabilita` ghall-Habs. Ma jistax ghalhekk jiehu l-beneficcju ta' l-awtorita` fih rivestita mill-ligi u fl-istess hin ma jirrispondix ghal dak li hu fid-dmir li jirregola". L-istess espert relatrici ghaldaqstant tikkonkludi illi, u apparti l-principji generali tad-dritt sanciti fil-Kodici Civili (Artikoli 1031, 1032 u 1033), mill-precitati Regolamenti jemergi kjarament illi z-zewg konvenuti, responsabbli mit-tmexxija penitenzjarja, (ara para. 395 u para. 397 tar-relazzjoni), jirrispondu ghall-akkadut u ghad-danni konsegwenzjali (para 475). Fl-istess waqt, il-perizja teskludi kwalsiasi addebitu ta' kontributorjeta da parti tal-prigunier decedut. Dan bil-motiv illi hu kien jaghmel uzu minn drogi preskritti lilu u mhux ukoll minn sustanzi relatati ma' drogi ohra illegali (ara para. 447 sa para 449);

"Succintement il-kritika tal-konvenuti fil-konfront tal-perizja ghal dik li hi responsabilita hi minnhom fin-Nota ta' sottomissjonijiet artikolata b'dawn l-argomenti:-

"1. Fil-kaz tal-Ministru ta' l-Intern dan mhux il-legittimu kontradittur peress illi l-implementazzjoni kwotidjana tal-ligijiet ma taqax fil-mansjoni tieghu;

“2. Id-Direttur mhux responsabbli ghaliex dan kellu l-poter jiddelega l-funzjonijiet tieghu lill-ufficjali pubblici. F’kull kaz, ma giex provat ness ta’ kawzalita bejn l-akkadut u l-agir tieghu: l-ebda assenza ta’ supervizjoni jew ta’ mankanza ta’ protezjoni lid-detenut. Barra minn dan biex jista’ jinstab hati ried jigi pruvat li hu inkariga persuni mhux ta’ hila (Artikolu 1037, Kodici Civili), u f’dan il-kaz ma giex provat illi min ipprovda s-servizzi (medici u personnel) kienu inkompetenti;

“3. F’kull kaz il-vittma kkontribwit ghall-akkadut ghaliex gie stabbilit illi hu ghamel uzu minn drogi illeciti waqt li kien il-Habs;

“Evidentement, l-argomenti kollha esposti mill-konvenuti jwasslu lill-Qorti tirradika l-konvinzjoni illi huma qeghdin jippretendu illi din l-istess Qorti ghandha tabbraccja t-tezi illi l-ebda wiehed minnhom ma huwa responsabbli ghal dak li ssuccieda u, fi kwalunkwe kaz, jekk tezisti din ir-responsabilita, id-decujus mhux mehlus mill-htija ghall-akkadut u, anzi tezisti, il-kontribuzzjoni da parti tieghu ta’ kolpa konkorswali;

“Hu ovvju li kull kaz irid jigi kkunsidrat fil-fattispeci tieghu partikolari kif emergenti mir-rizultanzi istruttorji, anke jekk fuq il-fatti kif dettaljatament esposti fir-rapport peritali, u hawnhekk brevement hafna rikapitulati, ma jidherx li hemm kwestjoni. Naturalment, ma jistax jonqos li jigi sottolinejat illi, bhal f’kull kaz ta’ incident iehor, hu l-attur li jrid isostni u jipprova li kien hemm htija da parti tal-konvenuti ghan-nuqqasijiet allegati;

“Anke jekk mhux identiku ghall-fattispeci tal-kaz *de quo*, materja bhal dik in ezami giet trattata *in extenso* fuq principji li jservu ghal soluzzjoni approprijata u, forsi ukoll, aktar akkurata. Ghaldaqstant il-Qorti thossha fid-dover, ghall-ahjar elucidazzjoni tal-kwestjonjiet legali involuti jew sollevati, illi jkun spedjenti li jigu ri-affermati l-konsiderazzjonijiet li jsegwu, anke ghaliex mhux eskluz li l-kaz quddiemha ghandu jigi rizolut bis-soliti regoli ta’ meta jsir accident:-

“(1) Huwa opportun li jigi registrat fl-ewwel lok illi, kif deciz, “l-accident mhux xi entita astratta izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-entita tieghu; event bl-incidenti inerenti mieghu in kwantu minnu jidderivaw danni; il-kwestjoni mhix biss ta’ <u>kawzalita`</u> izda wkoll ta’ <u>responsabilita`</u>, u min bin-negligenza tieghu kkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza d-danni li jkunu graw ikun ikkawza

jew ikkontribwixxa biex jikkawza l-'accident' u *pro tanto* hu responsabbli ghalihom". Ara "**Joseph Cachia -vs- Carmelo Conti *et***", Appell Civili, 2 ta' Marzu, 1964;

"(2) Issa skond is-sistema generali tal-ligi taghna taht il-Kodici Civili hu principju primarju li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031) – biex ikun hemm din il-htija hemm bzonn, skond l-Artikolu 1033, li jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, jigifieri d-danneggjant, f'dan il-kaz il-Gvern, irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-ligi. Ara "**Emmanuele Cassar -vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier *nomine et***", Appell Civili, 26 ta' Jannar, 1962;

"(3) Ma jistax jonqos li f'din l-ekwazzjoni jinserixxi ruhu l-parametru standard ta' dik id-diligenza li jippreciza l-Artikolu 1032 ta' l-istess Kodici ispirata minn dik id-dottrina indikanti "*una forma di attenzione nei confronti dell'altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell'obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attività secondo particolari modalita; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine*". Ara **Franzoni** "**Le obbligazioni da fatto illecito**", Edizione Utet, 2004 pagna 25 citata b'approvazjoni fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, fl-ismijiet "**Citadel Insurance plc -vs- Paul Berry et**", 24 ta' Jannar, 2007. Ara fuq dan il-punt para. 473 tar-relazzjoni peritali;

"(4) Il-principju gie rivalutat bosta drabi u b'mod aktar specifiku, fil-kaz ta' responsabilita` ta' l-amministrazzjoni pubblika, fis-sentenza "**Giuseppe Xuereb *et* -vs- Perit Carmelo Micallef *nomine et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru, 1953 fejn inghad illi "jekk il-Gvern ikun hareg mill-gusti limiti tad-drittijiet tieghu, jekk kiserx il-ligi u kkagnuax lezjoni ingusta lid-drittijiet tal-privat, huma kwestjonijiet li jigu ezaminati fil-mertu tal-kawza b'mod li l-Gvern ma jistax *a priori* u b'mod pregudizzjali, jippretendi li m'huwiex responsabbli ghall-hsara reklamata mill-attur kontra tieghu";

"(5) Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha in re: "**Elmo Insurance Services Limited -vs- PC 537 Joseph Micallef u Kummissarju tal-Pulizija**", 5 ta' Ottubru, 2001 abilment issoktat tirritjeni illi "filwaqt li s-sistema nostrana indubbjament jirresponsablizza wkoll lill-impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u tassoggettah personalment ghar-responsablita` personali u konsegwenzjali ghall-agir tieghu fil-qadi tad-doveri tieghu, dan ma jfissirx illi l-Istat ma jistax ukoll, f'cirkostanzi kongruwi, jkun ukoll responsabbli wahdu jew flimkien ma' l-impjegati tieghu ghal tali danni. Dan propju bhala konsegwenza ta' mal-amministrazzjoni provata jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' dawk in-normi li l-amministrazzjoni xierqa ta' hwejjeg pubblici kienet tissuggerixxi u li n-nuqqas ta' tharis taghhom seta' jkun il-kawza ta' dannu lic-cittadin. Din il-Qorti allura

tirritjeni li r-responsablita` amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cjoe fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadini privati sakemm il-ligi ma kienetx specifikatament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita`";

"(6) Verament, dan l-orjentament prevalenti hu wkoll hekk konsolidat mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana u fejn jinsab precizat illi "*l'attività della Pubblica Amministrazione, anche nel campo della pura descrezionalità, deve svolgersi nei limiti posti non solo dalla legge, ma anche alla norma primaria del 'neminem laedere', per cui, in considerazione dei principii di legalità, imparzialità e buona amministrazione, dettati dall'art 97 della Costituzione. La Pubblica Amministrazione è tenuta a subire la conseguenze stabilita dall'articolo 2043 c.c.*" (komplimentari ghall-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili taghna). Ara **Cass. 17 ta' Ottubru, 2001, Numru 2043 u 27 ta' Lulju, 1998 Numru 7339**);

"(7) Sostanzjalment, identika kemm ghad-dottrina moderna u dik aktar antika (ara **Fadda**, "**Giurisprudenza del Codice Civile**", Vol. V p 721) "hu imprexindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz". Ara "**John Debono *et* -vs- Negte Joseph Muscat *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960 u "**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928;

"(8) Wisq ragonevolment, kif saput, ghal fatt jew l-att jekwivali l-ommissjoni individwabbli fuq il-bazi ta' norma tal-ligi jew ta' qaghda specifika li tesigi attivita` determinata ghat-tutela tad-dritt ta' haddiehor. Jikkonsegwi illi r-rapport ta' kawzalita jsehh dejjem fejn jigi individwat obbligu posittiv ta' kondotta li l-inosservanza taghha ggib fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita l-event dannuz. Dan ighodd ukoll fil-kaz ta' kolpa ravvizabbli fl-Amministrazzjoni Pubblika. Id-dottrina hi wkoll f'din l-istess direzzjoni. Hekk skond **Figone – Spallarossa**, "**La colpa in la responsabilita` civile**", Torino, 1987, p. 50) fir-rigward tal-kolpa omissiva jinghad illi "*è implicito nella stessa nozione di negligenza, imperizia ed imprudenza l'aver omesso una cautela, che sarebbe servita per evitare l'evento*". U skond il-**Franzoni** (**Op. cit. pagna 41**) ir-responsabilita` ghal kolpa omissiva intiza f'sens strett u tekniku "*viene in essere allorquando l'evento è derivato dalla mancata attività del responsabile, il quale aveva l'obbligo giuridico di attivarsi*". F'sens bejn wiehed u iehor l-istess hi d-dottrina klassika. Skond il-**Giorgi** ("**Obbligaz. Vol.**

**IV para 151**) “*quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressioni di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l’aforisma ‘qui non facit quod facere debet videtur, facere adversus ea quae non fecit’.”*

“Fuq l-iskorta tal-predetti principji ta’ dritt emergenti mid-dottrina legali u mill-gurisprudenza, din il-Qorti hi tal-fehma konsiderata illi m’ghandhiex tiskarta l-opinjonijiet tal-perit relatur biex topta diversament ghas-sottomissjonijiet tal-konvenuti. Fuq l-istat tal-provi u tal-ligi u tar-Regolamenti applikabbli l-Qorti sensibilment tara li fic-cirkostanzi kien indikat bhala mizura generali tad-diligenza imposta mir-rispett tal-precett fondamentali tan-*neminem laedere* d-dover ta’ protezzjoni li kellu, b’dan, jigi akkordat mill-istess konvenuti lill-persuna inkarcerata. Fl-opinjoni tal-Qorti l-konvenuti ma jistghux jistahbew, il-wiehed, illi l-funzjoni tieghu hi wahda merament rizervata ghall-ghemil ta’ regolamenti, filwaqt li l-iehor kien prattikament fl-impossibilita` li jezercita l-funzjonijiet kollha tieghu. Ghal din il-Qorti din il-linja difensjonali certament mhix accettabbli fir-riflessjoni illi l-kustodja tal-prigunier skond l-istess previzjoni tal-ligi u tar-Regolamenti tikkostitwixxi n-nukleju essenzjali tar-responsabilita taghhom;

“Indubitament, imbaghad, fil-kaz tad-Direttur, fuq ir-rikostruzzjoni u l-interpretazzjoni tal-fatti, hi ipotezzabbli assenza tad-dover ta’ sorveljanza fil-lok penitenzjarju, u f’dan jissussisti sew in-ness tal-kawzalita bejn l-ommissjoni tieghu *qua* sorveljant u l-event li ta lok ghad-decess tal-prigunier. Hawn, fil-verita, non si tratta ta’ *culpa in eligendo* daqskemm ta’ dik ir-responsabilita` diretta tieghu li ma zammx l-prudenza u d-diligenza tal-*bonus paterfamilias* fl-ezercizzju ta’ l-obbligi tieghu. Ankorke kellu jigi, *gratia argomenti*, accettat illi r-responsabilita tieghu kienet wahda indiretta minhabba atti ta’ ommissjoni ta’ terzi, xorta wahda jkollu jinghad illi “*in realtà, essa è una vera e propria responsabilità del fatto proprio per colpa ‘in eligendo’ e per colpa ‘in vigilando’, poiche la colpa sta nella ‘male electio’ o nel non aver sorvegliato la persona impjegata nell’esecuzione del servizio commessole*” (“**Caterina Magro -vs- Don Santo Agius**”, Appell Civili, 20 ta’ Frar, 1920). Dan sija fl-ezekuzzjoni tal-mansjoni ta’ kura lill-prigurnieri affidata lit-Tabiba Susan Galea, sija fl-ezekuzzjoni da parti tal-gwardjani impreparati biex jagixxu ta’ infermiera, sija wkoll fil-mankanza ta’ *records* u ta’ l-adempiment mal-proceduri regolamentari ghal dak li hu kntroll u prevenzjoni;

“Dan premess, il-Qorti jidhrilha xieraq li taghmel din l-osservazzjoni generali. Ghall-imputazzjoni tal-htija ta’ l-Amministrazzjoni Pubblika bl-azzjonijiet jew

ommissjonijiet materjali tal-funzjonarji taghha wiehed ghandu jaghmel x'aktarx riferiment ghat-teorija tar-rapprezentanza organika taghha u ta' dak il-kriterju tal-prevedibilita` objettiva tal-fatt dannuz fl-istess waqt ta' l-affidament ta' l-inkariku jew tad-delegazzjoni tal-kompiti specifici. Dan qieghed jigi accentwat ghaliex, bla dubju, il-konvenuti kienu l-persuni idoneji li jipprevedu r-riskji u li jikkontrollawhom permezz ta' atti rigoruzi ta' prevenzjoni. F'dan il-kuntest fuq il-konstatazzjoni taghha tal-provi din il-Qorti hi kjarament tal-fehma illi dik il-prevedibilita setghet possibilment tevita l-konsegwenzi gravi li dderivaw minn min kien professjonalment impreparat, u ma kellux jkun il-fatt sfortunat tad-decess tal-prigunier li jgib bidla radikali ghall-ahjar fit-tmexxija tal-Habs karatterizzata minn direzzjoni u gestjoni ahjar sija fir-rigward ta' l-addetti fil-habs, sija fir-rigward tal-harsien, il-kura u l-kustodja tal-prigunieri. Hekk mill-bidunett kien mistenni li tkun l-attivita strumentali tal-konvenuti fl-interess tal-gestjoni professjonali tal-habs u tal-harsien tad-detenuti. Jekk hemm bzonn jerga' jigi ribadit, mhux accettabbli li l-konvenuti jappiljaw ruhhom ma' kwalsiasi tibna biex jehilsu mill-impenji legali taghhom, sewwa mfissra mill-perit legali f'para. 474 sa para. 478 tar-rapport taghha;

"Bir-rispett dovut din il-Qorti mhix tant impressjonata bl-argomenti tal-konvenuti kontra l-perizja, hekk sew fondata fuq il-logika guridika. Sta di fatto, illi kif ammess minn gurisprudenza oltre sekolari "*è la legge civile che soccorre il cittadino, considerato nella sua individuale personalità, e che rimetta costui nella integrita del suo patrimonio in senso lato, ove questo, in consguenza di un delitto commesso, fosse stato in via diretta o indiretta, leso; le disposizioni della quale legge civile, a tale riguardo, si riassumono in quelle contenute nell'articolo 739 dell'Ordinanza No 7 del 1868, (*fil-prezenti Artikolu 1033 Kodici Civili) *secondo la quale, chiunque con o senza intenzione di nuocere, fa cio che secondo la legge non puo fare od ommettersi cio che secondo la legge è tenuto a fare, è obbligato a risarcire il danno che ne` risulta*" ("**Onor Edward M. Merewather -vs- Hamilton Sharpe *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Mejju, 1903. Tabilhaqq, u apparti r-riljievi kollha maghmula mill-perit gudizzjarju, kondivizi minn din il-Qorti, hekk jinghad fuq il-valutazzjoni ta' l-assjem tal-provi u tal-ligi vigenti illi "*tanto l'uno quanto l'altro rispondono dei danni all'offeso, sia che abbiano agito scientemente, e con intenzione dolosa (*li mhux il-kaz hawnhekk*), sia che abbiano agito colposamente (*l-ipotesi l-aktar akkreditata*), anche col fare cio che la legge vieta nel proposito, o coll'omettere cio che secondo la legge erano tenuti di fare*" ("**Onor. Gerald Lord Strickland -vs- Onor. Senatore Aless. Mizzi**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' April, 1931;

"Finalment, fuq il-punt tar-responsabilita` din il-Qorti thoss, bhal perit legali, illi mhux il-kaz li l-htija fil-konvenuti tigi mitigata minhabba xi allegat konkors u n-negligenza tad-decujus innifsu bhala kawza efficjenti. Fl-avverament tad-disgrazzja li sehhet din il-Qorti ma tirravviza l-ebda indizju ta' prova illi kien d-decujus illi pprovoka jew ta' lok b'ghemilu jew b'xi nuqqas ghal xi element kontributorju. Ghal darb'ohra, b'ripetizzjoni, il-Qorti tirrileva illi l-argoment sottomess mhux tenibbli lanqas f'dan il-kuntest. Il-verita hi wahda. Dik unikament illi l-istess konvenuti li ma pprestawx kif imiss dak id-dmir imperanti u formalment impost mil-ligi li jassikuraw u jivvigilaw *uti bonus paterfamilias* fuq is-sahha tal-prigunier u li jiskansaw il-firxa ta' drogi u t-tixrid ta' farmaci bl-addocc gewwa l-istess istitut penitenzjarju. Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi fuq l-ewwel talba ta' l-attur billi tadotta l-konkluzjoni peritali ghal dik li hi responsabilita`;

"Ferma r-responsabilita` fil-konvenuti, dawn jikkontestaw il-gudizzju tal-perit relatur in mertu ghal-likwidazzjoni tad-danni billi jargomentaw li ma jezistux il-presupposti tal-*multiplier* adottat tenut regward ta' l-istat tas-sahha tal-prigunier qabel l-incident fatali dovut ghal konsum ta' drogi. Huma jfakkru wkoll illi l-azzjoni giet istitwita mill-eredi u f'kull kaz Giovanna Agius, subentrata fil-procedura minflok missier Carlos Chetcuti, ma kellha l-ebda jedd tirreklama danni civili in kwantu jigi nieqes il-jedd taghha fuq il-massa ereditarja tad-decujus;

"Mill-perizja jirrizulta li l-espert legali hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi:-

"1. Trattasi li fid-data tad-decess tieghu l-prigunier Carlos Chetcuti kellu 25 sena adottat *multiplier* ta' 35 sena;

"2. Hadet hsieb taghmel riduzzjoni ta' 25% ghal konsum personali;

"3. Agguntivament, ghamlet sottrazzjoni ta' 75% minhabba l-grad ta' dipendenza bejn id-decujus u zitu Giovanna Agius, subentrata ghal finijiet processwali bit-trasfuzzjoni tal-gudizzju wara l-mewt ta' huha, l-attur Vincent Chetcuti;

"4. Ma pprovdiet ebda tnaqqis ghal *lump sum payment* minhabba d-dekors taz-zmien mid-data ta' l-intavolar ta' l-azzjoni;

"Huwa *jus receptum* zviluppat fil-gurisprudenza illi fil-konsiderazzjoni tal-*multiplier* wiehed ghandu jiehu qies tal-"kontingenzi tal-hajja futura" (ara "**Nancy Caruana -vs- Odette Camilleri**", Appell, 27 ta' Frar, 2004), ossija, kont tac-"*changes and chances of life*" u tal-"*working years expectancy*". Il-konvenuti huma tal-fehma illi avut rigward ta' storja ta' abbuz mid-drogi kienet tezisti l-possibilita kbira illi Carlos Chetcuti ma jwassalx sa l-eta` mill-perit legali stabilita ghal skop ta' *multiplier*. Dan jista' jkun veru imma mhux bilfors hekk, ghaliex ghandu jigi assunt ukoll illi d-decujus seta' jinfeda minn dak il-vizzju permezz ta' rijabilitazzjoni medika adegwata. Wiehed ma ghandux jitlef di vista illi b'kura attenta din il-qaghda ta' rkupru ghall-hajja normali ezenti minn dak l-abbuz hi wkoll possibbli. Xejn ma hu impossibbli, u, anzi, jkun zball jekk wiehed jasal ghal certa deduzzjoni *in abstracto* billi jassumi illi d-decujus kien ser jibqa' dipendenti fuq dak l-abbuz ghal dejjem;

"Il-gurisprudenza ta' dawn l-ahhar snin tirrikonoxxi zewg fatturi importanti fil-kalkolazzjoni tal-*multiplier*. Il-wiehed illi bl-avvanzi fil-kamp mediku l-aspettativa ghall-hajja utli zdiedet. Ara "**Giuseppi Agius *et* -vs- Tarcisio Fenech *et***", Appell, 29 ta' Ottubru, 2003. L-iehor, illi wkoll f'dawn l-ahhar zmenijiet saru zviluppi sinjifikanti fl-eta` ta' l-irtirar mix-xoghol fid-direzzjoni ta' awment minn eta` ta' ritirar ta' 61 sena ghal wahda ta' 65 sena. Ara "**Francesco Sultana *et* -vs- Francis Xavier Grech *et***", Appell, 27 ta' Lulju, 2007. Eta` din li kull ma jghaddi z-zmien il-legislaturi ta' bosta pajjizi, specjalment dawk fl-Unjoni Ewropeja, qeghdin sahansitra jahsbu li ghandha tigi awmentata ghal wahda aktar superjuri. Huwa minnu illi kif rikonoxxut ukoll f' "**Anthony Turner *et* -vs- Francis Agius *et***", Appell, 20 ta' Novembru 2003 ma tezisti ebda formula magika ghall-komputazzjoni reali imma l-gudikant, imbaghad, mhux mistenni li jinfatam *nolens volens* mill-qaghda li kien fiha d-decujus fil-mument tad-decess u li setghet almenu f'dak il-mument u *rebus sic stantibus* taffettwa l-kapacita` lavorattiva tieghu ghaliex seta' jaghti l-kaz li dik il-qaghda tieghu titjieb ghall-ahjar. F'kazijiet ta' din ix-xorta r-raguni tiddetta li ghandu dejjem jinholoq bilanc siewi u ponderat biex issir gustizzja. Konsiderat kollox, il-*multiplier* adottat mill-perit gudizzjarju mhux barra minn loku meta evalwat fl-ottika tar-riflessjonijiet premessi u tac-cirkostanzi generali tal-kaz;

"Meta wiehed jikkonsidra mbaghad r-riduzzjonijiet prefissi mill-istess perit gudizzjarju, specjalment it-tnaqqis ghad-"*degree of dependency*", din il-Qorti

jidhrilha li l-perit legali kienet sensittiva hafna meta pprovdiet ghat-tnaqqis ta' 75%. Dan partikolarment fid-dawl tal-konsiderazzjoni illi skond il-kazistika prevalenti dak it-tnaqqis solitament ma jizboqx il-percentwali ta' hamsin fil-mija (50%). Ara "**Sultana *et* -vs- Grech *et***" fuq accennata;

"Ugwalment jidher li l-istess perit relatur zammet ruhha in sintonija ma' dik l-istess kazistika meta adoperat tnaqqis ta' 25% ghall-*own consumption* in kwantu hu accettat li tnaqqis bhal dan solitament ivarja minn 25% sa 33%;

"Wara li qieset dan kollu, kompriz il-provi prodotti din il-Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma tarax raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fil-perizja anke fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni rizarcitorji. Obbligu dan li taqbel li jkun impost fuq il-konvenuti in rapport ta' kawza u effett bejn l-allegata ommissjoni ta' kura u moniteragg adegwat, rapprezentanta minn dik il-kondotta lamentata mill-attur, u l-event tad-dannu, rapprezentat mill-hsara konsegwenzjali ghad-decess;

"Qabel taghlaq il-Qorti thossha fid-dmir li tikkommenda lill-perit legali ghall-istharrig minizzjuz tal-fatti u ghall-istudju approfondit ta' l-aspetti tad-dritt biex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fil-perizja li qed tigi adoperata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … thassar u tirrevoka s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attrici illi in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu tirrigwarda s-sejbien ta' responsabbilita` hija gusta u timmerita konferma, izda talbet ir-riforma tal-istess sentenza fis-sens li:

> "… … … tikkonfermaha fejn laqghet it-talbiet attrici u sabet lill-konvenuti appellanti responsabbli ghad-decess tad-detenut Carlos Chetcuti, terga' tillikwida d-danni dovuti lill-attrici billi tiehu in konsiderazzjoni l-aggravji hawn fuq imressqa u tapplika tnaqqis izghar minhabba grad ta' dipendenza mit-tnaqqis applikat mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti."

Rat ir-risposta tal-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi:

> "… … … l-Appell Incidentali tal-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, stante illi f'dan l-istadju huwa purament kapriccjuz, b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dak ikun mehtieg."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza, l-eredi ta' certu Carlos Chetcuti, qed ifittxu ghad-danni wara l-mewt ta' dan waqt li kien detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Jirrizulta li dan miet minhabba '*pulmonary oedema*' kompatibbli ma' '*fatal methadone poisoning*'. Fil-fatt, jum qabel mad-detenut miet, l-assistenta tal-psikjatra tal-

Facilita` Korrettiva kienet amministrat doza ta' 40cc methadone minflok dik ta' 20cc precedentement moghtija lilu. Is-Sur Chetcuti kien taht il-kura tat-tobba peress illi kellu dipendenza fuq id-droga. L-ewwel Qorti sabet kontra l-konvenuti wara li qieset li fil-Facilita` Korrettiva ma kienx hemm sistema ta' amministrazzjoni ta' kura ghad-detenuti tossiko-dipendenti, u kollox kien jimxi fuq 'bazi sporadika'. Wara li sabet li l-konvenuti jahtu is-solidum ikkundannathom ihallsu danni fl-ammont ta' €53,497. 50.

Mis-sentenza appellaw iz-zewg nahat. Il-konvenuti appellaw principalment kemm fil-konfront tas-sejba ta' responsabbilita, kif ukoll tal-likwidazzjoni tal-quantum tad-danni. L-attrici appellat incidentalment u tissottometti li ghandha tinghata somma akbar ta' kumpens.

Trattat l-ewwel l-appell principali tal-konvenuti, din il-Qorti trid tirrimarka li s-sentenza tal-ewwel Qorti trattat b'mod ezemplari u korrett il-principji li jirregolaw il-materja ta' responsabbilita` u ma tarax kif il-konvenuti jistghu jehilsu mir-responsabbilita`. Mill-atti johrog li t-trattament ta' persuni tossiko-dipendenti, fiz-zmien tad-decess tas-Sur Chetcuti, ma kienx isir b'dik l-attenzjoni u kura li trattament bhal dak jirrikjedi. Ma kienx hemm struttura li tirregola l-ghoti u t-tehid ta' methadone u jidher li kollox kien isir b'mod "amateurish" u sporadiku. Ma kienx hemm nurses kwalifikati u l-assistenta tal-psikjatra tal-Facilita` lanqas kellha stharrig f'dan il-kamp. L-istess psikjatra

jghid li hafna drabi d-direttivi tieghu ma jigux segwiti, u donnu kulhadd kien jagixxi kif ihoss fil-mument. Jirrizulta wkoll li l-Facilita`, f'dak iz-zmien, kienet tordna hafna methadone u minghajr ricetta, u hadd donnu ma pprova jara li tinholoq certa struttura serja fir-rigward. Gwardjan tal-Facilita` jghid li kontroll ftit li xejn kien hemm, u dan ifisser li "*xi ftit lok ta' abbuz jista' jkun hemm*". Kien hemm kollass totali tas-sistema ezistenti (jekk dak li kien jejezisti, tista' issejjahlu "sistema"), u jidher li hadd fl-awtortita` ma kien interessat jirranga s-sitwazzjoni.

Ir-rapport tat-tlett esperti medici rigwardanti l-procedura adoperata fl-epoka in kwistjoni, u li ghalih taghmel ampia referenza l-ewwel Qorti, jindika nuqqasijiet serji fl-amministrazzjoni tal-kura lil detenuti tossiko-dipendenti, u qari wahdu tar-rapport ma jistax ma jitfax dell ikrah fuq min kien responsabbli. L-ghoti ta' methadone mhix xi haga li ghandha ssir bla kontroll u minghajr analizi sew ta' xi nghata u x'ittiehed fil-passat mill-pazjent, u l-file ta' dan (jekk kien hemm) irid jinzamm b'certa attenzjoni u metikolizament, biex id-detenut jigi trattat bhala pazjent u mhix bhala numru. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti li f'kaz ta' habs, "*hospital staff were not required to provide the same standard of care as that expected of a psychiatric hospital outside prison*."

Persuna li ghandha bzonn attenzjoni medika trid tinghata l-istess livell ta' kura, tkun fejn tkun rikoverata, u l-fatt li f'habs ikun hemm certu restrizzjonijiet fuq il-liberta` tad-detenuti, ma jfissirx li l-assistenza medika tista' tkun f'livell anqas milli jinghata fi sptarijiet pubblici.  Persuna detenuta fil-Facilita` Korrettiva taht ordni ta' qorti, titqieghed taht il-kustodja tal-awtoritajiet governattivi kompetenti, u hu d-dmir ta' dawn li jagixxu *uti bonus paterfamilias*, u jekk detenut ikun b'xi mod "marid", jassiguraw li dan jinghata kura bid-diligenza kollha opportuna.

Id-differenza li l-konvenuti ppruvaw jaghmlu ghal dik li hija grad ta' responsabbilita` bejn relazzjoni kuntrattwali u dik extra-kuntrattwali, mhux daqshekk rilevanti meta tqis dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Arca Ltd. v. Williams**, deciza fis-16 ta' Jannar, 2014, fis-sens illi:

> "*Il-grad ta' kolpa rikjest mil-legislatur Malti sia ghal culpa contrattuale, sia ghal culpa aquiliana huwa l-istess. Kif gie ribadit fil-kaz "**Gaetano Spiteri pro et noe v Thomas sive Tom Castle**"  (P.A. per On.Imh. Maurice Caruana Curran - dec. fit-18 ta' Awwissu 1965 ) : "il-grad tal-kolpa tant f'kaz kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess (cf art 1175(1) u 1075), cioe' dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-istandard ta' diligenza tal-'bonus paterfamilias' a differenza mil-ligi Taljana li biss bil-Kodici tal-1942 abbandunat il-kuncett tad-dritt Roman li' in lege aquilia et levissima culpa venit'.*"

F'kull kaz, kien obbligu tal-konvenuti li jagixxu b'diligenza fil-konfront ta' Carlos Chetcuti, u jirrizulta li lanqas biss kien hemm sistema li setghet twassal ghar-rizultat konformi mal-htigijiet tad-detenuti morda.

Il-konvenut Ministru tal-Intern jghid li hu mhux responsabbli, peress li xogholu hu li jaghmel regolamenti, u mhux responsabbli ghal dak kollu li jigri fin-nuqqas ta' ghemil ta' regolamenti. Dan jista' jkun il-kaz jekk dak li jkun gara jkun rizultat ta' ksur ta' darba tar-regolamenti, b'mod li l-incident jista' jitqies bhala "a one off"; f'dan il-kaz, pero`, in-nuqqasijiet fl-istruttura kienu ingenti u ilhom jigu pprattikati. Kulhadd kien jimxi fuq dak li kien jigri qabel, u la l-Ministru u lanqas id-Direttur ma dehrilhom li kellhom jezaminaw sistema li, kellu jkun car, kienet inadegwata. Xoghol Ministru mhux biss li jirregola, izda ghalkemm mhux tenut jinvolvi ruhu fit-tmexxija ta' kuljum tal-Facilita`, ghandu jinteressa ruhu dwar, fil-fatt, x'inhu jigri u kif u/jew jekk ir-regolamenti humiex qed jigu osservati fil-principju. Il-fatt li nghad li l-procedura tal-ghoti ta' methadone "*kienet poor and ill defined*", fi kliem l-esperti, titfa' responsabbilita` fuq il-Ministru koncernat li kellu jkun jaf b'dan u jiehu mizuri adegwati.

Id-Direttur tal-Facilita` wkoll naqas ghax dan, milli jidher, kien komdu jhalli in operazzjoni sistema antika minghajr ma jqis jekk dik is-sistema kienetx adegwata jew le kif kien id-dmir tieghu li jaghmel. Hemm hafna nuqqasijiet li hu kellu jirranga u/jew jissenjala ghall-attenzjoni tas-superjuri tieghu, u ma kellux ihalli topera prattika li kellu jkun jaf li kienet perikoluza ghad-detenuti involuti.

Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, ma ssibx kontributorjeta` ta' Carlos Chetcuti ghall-mewt tieghu. Veru li milli jidher anke meta kien fil-Facilita` Korrettiva, kien jaghmel uzu minn drogi illeciti, pero`, fl-ewwel lok, kien responsabbilita` tal-konvenuti li jaraw li ma jidhlux drogi illeciti hemm gew, u hu nuqqas taghhom jekk dan sehh, u, fit-tieni lok, jirrizulta li kienet id-doza ta' methadone li waslet ghall-mewt ta' Carlos Chetcuti. Il-konvenuti, f'kull kaz, ma jistghux jippretendu li jiskolpaw ruhhom billi jorbtu ma' xi haga li kien dmir taghhom jaraw li ma ssirx.

Din il-Qorti, ghall-bqija taghmel taghha l-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward, konfortata bil-gurisprudenza minnha kwotata, u ssib li z-zewg konvenuti huma responsabbli in solidum ghall-akkadut.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, l-ewwel Qorti mxiet fuq multiplier ta' 35, ghal prigunier li kellu 25 sena meta miet, u ghamlet tnaqqis ta' 25% ghal konsum personali, u 75% minhabba l-grad ta' dipendenza bejn il-mejjet u zitu Jane Agius. Il-konvenuti jghidu li l-figura ta' multiplier hi gholja wisq, waqt li l-attrici tghid li l-percentagg ta' tnaqqis minhabba l-grad ta' deipendenza hu wiehed gholi.

Dwar il-figura tal-multiplier, din il-Qorti tara illi fil-waqt li l-ewwel Qorti apprezzat li wiehed ghandu jaghti kaz tac-"*changes and chances of life*", dehrilha li kellha tadotta figura ta' 35 ghad-detenut li kellu 25 sena meta miet u b'hekk qieset li kien se jibqa' jkun f'kundizzjoni li jahdem sal-eta` tal-irtirar. L-ewwel Qorti qalet li d-*decujus*, b'kura medika adegwata seta' jirkupra ghall-hajja normali ezenti minn dak l-abbuz. Dan hu possibbli ghalkemm ipotetiku, izda l-fatt hu li Carlos Chetcuti kellu storja ta' abbuz mid-droga, u meta persuna jkollha tali storja, huwa meqjus difficli li tghix u tista' tahdem ghan-numru twil ta' snin. Ovvjament, kollox hu possibbli, pero`, meta tqis li hawn ninsabu fil-kaz ta' progettazzjoni ghall-futur, id-dipendenza fuq id-droga li kellu d-detenut ghandha twassal ghall-qies ta' probbabbilita` li ma jwassalx sal-eta` ta' sittin sena. Dan Chetcuti, qabel ma gie Malta, kien jghix l-Ingilterra u kien jabbuza regolarment mid-droga u kien anke skonta sentenza ta' prigunerija f'dak il-pajjiz. L-istat ta' sahha tal-vittma hija materja li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkulazzjoni tal-multiplier, u, allura, din il-Qorti tara li ghandha tadotta figura ta' 25, li jidhrilha hija figura aktar gusta mehud konsiderazzjoni c-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Fil-kuntest tad-"*dependency issue*", jirrizulta li bhala fatt, l-attrici ma kienetx dipendenti fuqu. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Turner v. Agius**, deciza fit-28 ta' Novembru, 2003:

> "Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem

> ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha."

Hawnhekk, lanqas mill-kazijiet tal-ahhar ma ghandna, u l-attrici qatt ma kienet tistrieh fuqu finanzjarjament.

Hawn ghandna individwu li kien dizokkupat, anke meta kien jghix l-Ingilterra, u kwindi tara, ghal darba ohra, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, li tnaqqis ta' 75% minhabba l-grad ta' dipendenza (li fil-verita` ma kienx hemm) bejn Carlos Chetcuti u zitu l-attrici, huwa wiehed gust.

Din il-Qorti, ghalhekk tqis li l-kumpens dovut ghandu jkun ta':

€8,152 x 25 – 25% – 75% = €38,213.

Fil-kuntest tal-aggravju tal-konvenuti marbut mal-fatt li jista' jkun li l-attrici ma ghandhiex wahedha interess fl-eredita` ta' Carlos Chetcuti, din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 806 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jippermetti lil kull werriet jew kull wiehed iehor li jkollu interess li jitlob li jkompli l-kawza f'ismu.  F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti accettat li Jane Agius, iz-zija tal-mejjet, tkompli l-kawza li kien bdieha n-neputi taghha, u ma saret ebda

oggezzjoni ghal dan fl-istadju opportun. Lanqas ma gie ippruvat b'mod sodisfacenti li jista' jkun hemm xi hadd iehor interessat fil-wirt ta' Carlos Chetcuti. Jekk hemm persuna ohra li jista' ghandha sehem mill-wirt ta' Carlos Chetcuti, din ghandha taraha mal-attrici, pero`, l-kawza mxiet b'mod korrett.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuti billi tilqghu biss in parte (sa fejn jolqot il-likwidazzjoni tad-danni), u tiddisponi mill-appell incidentali tal-attrici billi tichad l-istess, u b'hekk tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha in toto hlief biss li tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il ewro (€38,213) (flok tlieta u hamsin elf, erba' mija u sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu (€53,497.50) likwidat mill-ewwel Qorti), bl-imghaxijiet jiddekorru millum.

L-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk in prim istanza jithallsu kwart ($^1/_4$) mill-attrici u tlett kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti in solidum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------